# Maltese Literature Group Inc.
# Grupp Letteratura Maltija Ink.

Incorporation No. A8686H

*Kull korrispondenza għandha tintbagħat lis-Segretarju f'dan l-indirizz:*

**MLG, 477 Royal Parade, Parkville, Victoria 3052**

## FOLJU T'AĦBARIJIET
## Numru 247 :: DIĊEMBRU, 2016



**Editur: Paul Vella**
paul.vella44@gmail.com


*Il-President u l-Kumitat*
*tal-Grupp Letteratura Maltija*
*tal-Victoria jixtiequ lill-membri kollha u*
*l-familji tagħhom u lill-qarrejja tal-Folju tagħna*
*Milied Hieni u Qaddis u*
*Sena Ġdida*
*mimlija saħħa, risq, barka u sliem!*



# MHUX SE JKUN HEMM LAQGĦA FIX-XAHAR TA' DIĊEMBRU

## IL-LAQGĦA TAL-MEMBRI LI TMISS TKUN F'JANNAR

Il-laqgħa li tmiss, bħas-soltu, se tkun l-aħħar Ġimgħa tax-xahar, jiġifieri nhar il-Ġimgħa, **27 ta' Jannar, 2017** fiċ-Ċentru Malti ta' Parkville, fis-7.30 pm. Il-membri kollha mistiedna li jġibu xi xogħol biex jinqara f'din il-lejla. Jekk jogħġobkom ippruvaw li tkunu hemm fil-ħin. Nixtiequ naraw aktar membri jattendu għal dawn il-laqgħat, għalhekk ħajru lill-membri tal-familja u lil ħbiebkom biex jiġu u jsiru membri magħna.

## MIŻATA TA' SĦUBIJA

Il-miżata ta' sħubija issa qed titħallas fl-1 ta' Jannar ta' kull sena minn kulħadd. Dan ifisser li l-miżata issa titħallas minn Jannar sa Diċembru. Dawk li għadhom ma ħallsuhiex huma mitluba jagħmlu dan fil-laqgħa li tmiss u jaraw lil Ray Anastasi. Grazzi. Il-miżata għadha $10 kull familja. Grazzi lil dawk li ħallsu l-miżata fl-aħħar laqgħa tagħna. Għad hemm min għadu ma ħallasx tas-sena l-oħra. Ħudu ħsieb.

## SKJAVA FIL-KTAJJEN TAL-IMĦABBA - *ktieb ta' Michael Cini*

Daqqa 'l fuq u daqqa 'l isfel. Hux hekk imdorrijin ngħidu meta xi ħadd jistaqsina kif aħna?

Biss, nista' ngħidlek li fil-każ tiegħi, minn meta żżewwiġt, ħajti nbidlet f'maltempata kontinwa. Burraxka li niżżlitni taħt wiċċ l-ilma u li qajla ħallietni nieħu nifs. Bdejt inħabbat wiċċi mal-qilla tal-irwiefen u l-baħar imtela b'kull xorta ta' ħalel tal-abbuż, li naqdef kemm naqdef, il-kurrent kien dejjem kontra tiegħi. Dejjem jassarni. Dejjem għakkisni. Dejjem sawwatni. Dejjem rebaħli hu.




Kien irnexxieli nikkonvinċi lili nnifsi li xorta waħda kelli għal xiex nibqa' ngħix. Bilfors, għax l-uniku skop li kien għad fadalli f'ħajti, jiġifieri binti, kien għad kellha bżonni. Ma stajtx nitlaqha għal riħha. Ma stajtx nabbandunaha kif kien għamel żewġi lilna t-tnejn. Għalhekk, kelli bilfors nibqa' nbati fis-silenzju... sakemm...

Sakemm fl-aħħar, wara dan il-qtigħ il-qalb kollu feġġ merżuq ħanin, raġġ ta' dawl qawwi, sabiħ u mimli wens. Raġġ jarmi s-saħħa u tama ġdida għal ħajti. Raġġ li salvani mill-jasar li kont maqbuda fih biex għenni nitla' fil-wiċċ u nerġa' nibda nieħu n-nifs. Għenni nwarrab isswied il-qalb u nerġa' nibda nitpaxxa bil-kuluri u s-seħer u l-passjonijiet imqanqla li taf toffri l-imħabba vera...

Imma tgħid, l-ajru verament kien se jissaffa?

***STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-PRESIDENT:***

# ĠIEĦ L-AKKADEMJA TAL-MALTI



"Ġieħ l-Akkademja tal-Malti: 'statement' qawwi li juri li, bħala nazzjon, kommessi bis-sħiħ li nkomplu niksbu aktar eċċellenza u kreattività fl-istudju letterarju u lingwistiku ta' lsien pajjiżna"

Dan l-aħħar, fil-Palazz, il-Belt Valletta, il-President ta' Malta Marie-Louise Coleiro Preca ppresediet l-ewwel ċerimonja tal-premju Ġieħ l-Akkademja tal-Malti, fl-anniversarju tal-Akkademja tal-Malti, li twaqqfet fl-14 ta' Novembru, 1920.

Il-President Coleiro Preca qalet li bit-twaqqif tal-Akkademja tal-Malti twieled is-sens ta' salvagwardja tal-identità Maltija, għax hija l-Akkademja l-entità li ħadet fuqha d-dmir li tippreserva u tiċċelebra l-ilsien tagħna l-Maltin.

Ġieħ l-Akkademja tal-Malti se jibda jingħata biex tiġi onorata persuna għall-kontribut siewi li tkun tat lejn il-lingwa u l-letteratura Maltija. Il-President qalet li tinsab "tassew sodisfatta b'din l-inizjattiva ġdida" u tħossha onorata li ppreżentat l-ewwel midalja tad-deheb lil persuna li ddistingwiet ruħha f'dan il-qasam.



Ġieħ l-Akkademja tal-Malti għas-Sena 2016 ingħata lill-Professur Oliver Friggieri. Il-President qalet li Prof. Friggieri jistħoqqlu tassew li jingħata l-ewwel midalja li permezz tagħha se jkun ta' ispirazzjoni għar-rebbieħa ta' warajh, fis-snin li ġejjin.

"Jeħtieġ li niċċelebraw il-qawwa tal-wirt tagħna fil-forma kollha tagħha. Jeħtieġ inkunu fidili lejn dak kollu li jagħmilna differenti, li jagħtina l-individwalità u l-identità tagħna, u fl-istess ħin jenfasizza dak kollu li jgħaqqadna mal-oħrajn", qalet il-President ta' Malta.

Fl-aħħar nett, il-President ħabbret li fil-bidu tas-sena d-dieħla, il-Palazz ta' San Anton se jkollu librerija, wara restawr estensiv li qiegħed isir fil-Palazz sabiex jinfetħu kmamar statali ġodda.

Il-President qalet li l-Akkademja tal-Malti se tkun il-kustodju ta' kollezzjoni ta' kotba li se jitqiegħdu fil-librerija tal-Palazz, u se tkun maħsuba biex tagħti spazju sabiex jiġu rikonoxxuti l-kittieba Maltin kif ukoll il-Letteratura Maltija. — ***Ritratti: OPR***

# ĠUŻI GATT DWAR KIF KIENET TARA D-DINJA NANNTU

Nhar it-Tlieta, 6 ta' Diċembru 2016, ir-riċerkatur Ġużi Gatt se jagħmel taħdita dwar "Il-Viżjoni tad-Dinja li kellhom in-Nies ta' Dari, Ossija, Kif kienet tara d-dinja nannti, Alla jaħfrilha," fil-bini ċentrali tal-Librerija tal-Università ta' Malta, Tal-Qroqq fis-6.00pm. Kulħadd huwa mistieden u d-dħul huwa b'xejn.

Din hija l-ħames taħdita organizzata mid-Dipartiment tal-Malti fil-Fakultà tal-Arti bħala parti mill-proġett ta' riċerka dwar It-Tradizzjoni Orali. L-ewwel erba' taħditiet saru mill-Prof. Mourad Yelles mill-Inalco, f'Pariġi, minn Yanika Schembri Fava, Dr Toni Sant, u Marlene Mifsud Chircop. Il-Klabb Kotba Maltin qed jagħti voucher ta' kotba lill-kelliema kollha f'din is-sensiela ta' taħditiet.

Il-Kelliem: Ġużi Gatt huwa s-segretarju ġenerali tal-Għaqda Maltija tal-Folklor, u l-editur ta' L-Imnara, li hu l-perjodiku ta' kull sena li toħroġ l-Ghaqda. Ippubblika ż-żewġ volumi li jġibu l-isem Qiegħda fil-Ponta ta' Lsieni, l-Ewwel u t-Tieni Ktieb. Irriċerka dwar l-istrumenti mużikali tradizzjonali Maltin u għen fir-rikostruzzjoni tagħhom. Qaleb ukoll diversi drammi għall-Malti, imma l-ikbar interess tiegħu hu fl-istorja medjevali ta' pajjiżna, u l-folklor.

It-Taħdita: Kull wieħed minna għandu l-mod tiegħu ta' kif iħares lejn il-ħajja, il-mod ta' kif jagħmel sens mid-dinja ta' madwaru. Mhumiex wieħed jew tnejn dawk l-għorrief li jsostnu li l-lingwa li titkellem, u t-tagħlim li titrabba fih, jikkundizzjonawlek il-mod ta' kif tara u tifhem id-dinja ta' madwarek, ta' kif tfassal l-imġiba tiegħek, u l-mod ta' kif iżżomm sabrek fix-xkiel li ssib ruħek fih tul ħajtek. X'kienet il-viżjoni tad-dinja ta' niesna ta' dari? Diffiċli biex tidħol f'moħħ dak li jkun, imma Ġużi Gatt se jipprova jiddeskrivi l-istampi tal-ħajja li kellha f'moħħha nanntu, Alla jaħfrilha, u jfisser kif kienet tara d-dinja, dejjem skont dak li kienet tgħid.

Għal aktar tagħrif

Hemm aktar tagħrif dwar din it-taħdita ta' Ġużi Gatt u dwar il-proġett fuq It-Tradizzjoni Orali fuq Facebook (uom.tradizzjoniorali) u fuq is-sit https://tradizzjonioraliblog.wordpress.com. Dawk li jixtiequ jiktbu lid-Dipartiment tal-Malti jistgħu jużaw l-indirizz malti.arts@um.edu.mt

Victoria

Department of Premier and Cabinet

OFFICE OF MULTICULTURAL AFFAIRS AND CITIZENSHIP

*Proudly supported by the Office of Multicultural Affairs and Citizenship*

BOV

**BANK OF VALLETTA p.l.c.**

*Uffiċċju Rappreżentattiv:*

**16 Watt Street, Sunshine 3020**

**Telephone: 9311-3222**

# MUMENTI SBIEĦ!

Kienu tassew ftit mumenti sbieħ dawk li għaddejt f'waħda mis-swali tal-Ministeru għal Għawdex f'Misraħ San Franġisk Victoria nhar il-Gimgħa fil-għaxija, 18 ta' Novembru, meta attendejt għal serata mlaqqma 'Tiżwiqa Letterarja u Artistika' imnebbħa minn waħda mill-istudenti tal-iskola Post Sekondarja, Sir Mikelanġ Refalo (is-6th Form), li matulha ġiet ippreżentata l-pubblikazzjoni tagħha ta' poeżiji 'Fjuret id-Demm' tas-sinjorina mill-Għarb Anabelle Portelli. F'din l-okkażjoni l-istudenti ta' dan l-istitut kienu qed ifakkru wkoll l-400 sena mill-mewt tad-drammaturgu magħruf William Shakespeare u allura stajna nassistu għal xi siltiet drammatizzati mill-plays tiegħu, fosthom 'Macbeth', 'The Merchant of Venice', 'Romeo and Juliet', u 'Hamlet'. Ikolli ngħid li wieħed ma setax ma jammirax il-memorja fotografika ta' dawk l-istudenti kollha li interpretaw xi persunaġġ minn dawn ix-xogħlijiet letterarji u allura prosit ukoll lill-għalliema tagħhom li ħarrġuhom matul dawn l-aħħar ġimgħat.

Bla dubju l-protagonista tas-serata kienet is-sinjorina mill-West t'Għawdex Anabelle Portelli bid-damma ta' poeżiji tagħha u s-siltiet li qratilna waqt is-serata. Kif stqarrew tajjeb is-Sur Karm Cachia ex għalliem u Kap tad-Dipartiment tal-Malti f'din l-iskola, kif ukoll il-mistieden tas-serata l-Professur Manwel Mifsud, din iż-żagħżugħa tixbah lil perla li għadha kemm inqatgħet u li issa teħtieġ li tiġi ppolixjata u raffinata. L-istess fehma wrew ukoll l-għalliema tagħha, iż-żewġ kordinatriċi Bernardette Gatt u Florence Garcia, li sa mill-bidu inkuraġġewha biex tissokta fit-triq tal-Muża għax ċerti li din għad trid tidħol fil-kullana tal-poeti Maltin u Għawdxin. Għal din l-okkażjoni il-poetessa tagħna kitbet kanzunetta 'Għarajjes ta' dejjem', imnebbħa mid-dramm 'Romeo and Juliet', li ġiet immużikata mill-pjanista brava Maria Mifsud u tkantat mill-istudenta Rebecca Bonello. U billi konna ninsabu fi tmiem is-Sena tal-Ħniena, żewġ studenti oħra tawna Djalogu dwar l-'Imħabba u l-Ħniena'. Għoġobni ferm ukoll l-essay bil-Malti 'Memorji u Ħolm' li kitbet għal din l-okkażjoni l-għalliema żagħżugħa li tidher ġdida għall-Istitut, Annalise Spiteri. Żewqu wkoll dawn is-siegħa w nofs li taru bħal ħolma l-istudenti żeffiena Jasmine Ann Buttiġieġ u Julia Cassar, b'korjografija mużikali (pjanista l-istudenta Stephanie Curmi) mid-dramm Xejksperjan 'Romeo and Juliet'.

Is-serata kollha għalqet b'żewġ messaġġi interessanti; wieħed mill-Kap tal-Istitut Sir Mikelanġ Refalo s-Sur Daniel James Cassar u ieħor tal-għeluq mill-Ministru għal Għawdex li t-tnejn tkellmu tajjeb fuq il-livell u l-preżentazzjoni tal-programm. L-Onor. Anton Refalo sellem lil Analise Portelli u stqarr kif tista' tħoss ruħha persuna li tkun tilfet lil missierha meta tkun għadha żgħira (xi ħaġa li kellu jġarrab hu ukoll) u kemm għandu għax jiftaħar Għawdex, gżira daqstant żgħira ta' 64 kilometri kwadrati u ta' mhux iktar minn 30,000 ruħ, li tippossedi ħafna talent, u awgura biex dan l-Istitut jibqa' jħares 'l quddiem taħt it-tmexxija għaqlija u brava tal-Kap tiegħu flimkien mal-bqija tal-għalliema u l-istaff.

***Kav. Joe M Attard, Victoria Għawdex***

# TAĦDITA PUBBLIKA TA' MARLENE MIFSUD CHIRCOP



L-Għana tal-Fatt – inżammet l-Erbgħa 23 ta' Novembru, 6.00pm, l-Università, Tal-Qroqq Dħul kien b'xejn u kulħadd kien mistieden.

L-għana tal-fatt (il-ballata) għadu jitgħanna sal-lum f'Malta u barra fejn hemm emigranti Maltin. Għandu storja ta' ħames mitt sena imma fl-ewwel tliet mija u ħamsin minnhom intilef ħafna minnu, waqt li fil-mija u ħamsin sena ta' wara, wara l-kisba tal-libertà tal-Istampa f'Malta, inġabru fuq mitejn fatt. F'din it-taħdita, Marlene Mifsud Chircop sa titkellem fuq ir-riċerka li għamlet f'dan il-qasam tat-tradizzjoni orali, il-wirt intanġibbli tal-għana Malti, speċjalment fuq il-firxa tal-letteratura tat-triq u l-produzzjoni tagħha, fuq delitti li għannew fuqhom fil-parti l-kbira malli ġraw, jew malli l-ikkundannat ħa l-kastig. Sa tkellimna wkoll fuq l-għannej tal-fatti u l-udjenza tiegħu, l-istil tal-ftuħ u l-għeluq tal-fatt, il-fażijiet tal-liminalità li fih, il-fatt bħala forma ta' protesta, il-mobbiltà kulturali tiegħu, u l-każ ta' Ċikku Fenech li għadha tiftakar kif ġara.

Marlene Mifsud Chircop, għalliema u riċerkatriċi indipendenti, ħadmet mal-folklorista Ġużè Cassar Pullicino u mal-mejjet żewġha, il-folklorista antropoloġiku Ġorġ Mifsud Chircop. Wara l-ewwel teżi tagħha "Il-Folklor fir-Rumanz Storiku/Romantiku Malti" (1972) u t-tieni "A Motif-Index of the Maltese Folktale" għall-M.A., kompliet bir-riċerka fin-narrattiva popolari, fl-irrakkuntar u fl-għana Malti, illum il-ġurnata b'mod speċjali l-element kulturali u soċjali fl-għana tal-fatt.

Flimkien ma' żewġha, ikkoproduċiet u ppreżentat 26 dokumentarju kulturali ta' 45 minuta għat-televixin: Ix-xogħol Waħdu Jurik u Fuq Għajnejk (1996, 2001, Dir. Alvin Scicluna) u għar-radju Maltese Folklore in the Modern World (2000) u A Folk Festival in Malta (2003). Interpretat u ttraduċiet kemm-il darba l-għana u l-irrakkuntar waqt festivals Malta u barra.

Ħadet sehem f'konferenzi Malta u barra, fejn ippreżentat fost l-oħrajn "Mnarja – a Midsummer's Festival in Contemporary Malta" (Gothenburg 2006), "Maltese Folk Narrative" (Isle of Bute 2011), "Good Friday Processions in Contemporary Malta" (Innsbruck 2014), "The First Ten Years of the Maltese Folk singing Festival" (Malta 2014), The Development of Maltese Ballads (Malta 2014). Barra diversi sessjonijiet tal-għana u tal-irrakkuntar, kemm f'Malta kif ukoll barra, ideat u koorganizzat l-attivita kulturali "Grimani Min Qatlu?" għal Science in the City (Malta 2014).

Ftit ġimgħat ilu ħarġet il-ktieb Min Qatel il-Patri? (Klabb Kotba Maltin) mar-Rev. Dr Mark Montebello.




# FUQ DIN L-ART ĦELWA — *Emmanuel Attard Cassar*



Fuq Din l-Art Ħelwa jiġbor fih numru ta' poeżiji li jikxfu d-difetti u l-kontradizzjonijiet tagħna l-Maltin u wkoll tagħna l-bnedmin. Il-poeżiji huma konċiżi, satiriċi u bir-rima. Dan għandu jagħmel il-qari tagħhom esperjenza divertenti. Il-poeżiji huma aċċessibbli għal kulħadd għax jużaw il-vokabularju tal-Malti mitkellem bl-espressjonijiet (anki bl-Ingliż) u l-kliem fit-taħdit komuni. Il-poeżiji fil-maġġoranza kbira tagħhom huma umoristiċi. Inkitbu fuq medda ta' 25 sena bejn l-1992 u l-2016.

# ...jiena xi ħadd... li nokrob mill-ġuf ta' mara"

hu ktieb ta' novelli u poeżiji li ktibt favur il-ħajja ta' ħolqien ġdid diġa mnissel fil-ġuf ta' mara. Jista' l-bniedem jibqa' jaħdem biex biex isib tarf il-ħolqien, u fl-istess waqt jaħdem biex jeqred ħolqien li ġa beda jgħix?

Dan hu t-tentattiv tiegħi biex milli nista' nagħti leħen imqar żgħir lil min leħen għad m'għandux għax lanqas biss għadu twieled. Il-ħsieb tiegħi hu li bil-ktieb inkun nista' nagħti l-kontribut tiegħi biex ngħin lill-movimenti u għaqdiet Maltin bil-għan nobbli favur il-ħajja.

It-tnedija se ssir fil-Palazz Verdala, il-Buskett, fis-7.00pm.

— Paul P. Borg




## ITTRI LI NIRĊIEVU . . .

Għażiż Paul, Grazzi talli żżomm l-appuntament dejjem biex tibagħtilna l-folju li nirċievu kull xahar permezz tal-posta elettronika, mezz li jservi ta' ħolqa utli ferm għalina li ninsabu mbegħdin minn xulxin.
It-tagħrif li twasslulna jkun dejjem ta' interess għax iżżommuna aġġornati dwar dak li intom il-Maltin qegħdin tagħmlu biex iżżommu 'l ilsienna ħaj fl-Awstralja.
Grazzi wkoll talli għoġbok iġġib is-sinopsi tal-ġabra poetika tiegħi "Arpeġġi". Kienet sorpriża sabiħa.
Filwaqt li nħeġġiġkom tibqgħu taħdmu b'risq il-letteratura Maltija, inselli għalikom.

***Therese Pace***

Għażiż Paul, Prosit u grazzi ħafna għall-aħħar ħarġa tal-Folju li għoġbok tibgħatli. Interessanti tassew u jixhed l-imħabba kbira tiegħek għal Malta.
Inselli għalik ħafna.

***Prof. Oliver Friggieri***

Għadni ma sibtx il-ħin ngħidlek grazzi tal-Folju ta' Novembru, Paul.
Ħajr tal-biċċa xogħol mensili tiegħek, mimlija tagħrif varjat u interessanti.
Sliem u saħħa dejjem,

***Patrick Sammut***

Għażiż Paul, Niżżik ħajr minn qalbi tal-Folju tal-MLG ta' Novembru b'kommemorazzjoni tal-55 sena mill-mewt tal-Poeta Nazzjonali Malti, Dun Karm Psaila u talli ġentilment qsamt magħna dik is-silta mill-ktejjeb ta' martek, Salvina, b'dak ir-ritratt memorabbli ta' Dun Karm ma' Dun Frans Camilleri u l-poeżija tiegħu 'Lil Art Twelidi".
Grazzi ukoll tal-ħolqa li ħaditni biex nisma' l-programm tiegħek minn fuq ir-radju komunitarju 3ZZZ tal-Ġimgħa, 28 t'Ottubru 2016 li tant għoġobni u tant ħadt pjaċir nisimgħu. Ħajr ukoll lil Joe Julian Farrugia tas-silta 'Għamlu isem' li minnha tgħallimt ħafna affarijiet dwar Dun Karm li qatt ma kont nafhom qabel. Iżda l-aktar li laqagħni kien leħen Dun Karm fejn qara partijiet mill-poeżiji tiegħu, 'Lill-Bandiera Maltija' u 'Lil Malta'. Prosit u prosit tassew. Għal min għandu veru għal qalbu l-Ilsien Malti u l-poeżija kien programm il-veru kommoventi. Tislijiet sinċiera u mill-qalb.

***Nazzarene Zerafa, Brisbane***

## ... jiena xi ħadd...

jien ma narax - u ma nħoss xejn
jien ma nismax - ma nifhem xejn
jiena ma nxommx - u ma nmeċlaqx
jien ma niktibx - u ma nimxix
jien ma naħsibx - ma nitkellimx
jien ma nibkix - ma nitbissimx

... u jien xi ħadd...

jien demm imxerred - ġisem misluħ
jien qalja mqattgħa - bħal fenek moqli
qattus mat-triq - bi msarnu barra
jien jigsaw puzzle - għadam mitruħ
jien għonq miġbud - jien moħħ mirdugħ
jien laħam nej - ġo dixx ileqq
jien falda mqattgħa - ikkapuljat
tilqit muġugħ - bla ebda dmugħ

... u jien xi ħadd...

jiena imħabba - jiena mibegħda
jien kont sa nkun - u ma sirt qatt
kont ħsieb sa jkun - u ma sirt ħadd
jien merżuq mitfi - ġo toqba sewda
jien nar bla dawl - ġol-univers
jien fdal moqżież - ġod-dixx ileqq
jien mormi f'loki - qalb dlik qed jinten
jiena fflaxxjat - mal-ħmieġ uman

... u jien xi ħadd...

### *x'nirċievi minn fuq il-Facebook*



# XEMX. SEWDA PASSIĠĠIERI. MUTI — *Tarċisju Zarb*




X'qalu qarrejja varji dwar il-poeżija ta' Tarċisju Zarb

"Tarcisio Zarb -- poeta 'differenti' " — Oliver Friggieri.

Kollox jistrieħ fuq il-mod kif Zarb iħalli lilu nnifsu jitmexxa mil-libertà bħala liġi ġdida. Huwa jgħaddi ingħajr xkiel ta' xejn minn idea għal oħra, minn sentiment għal ieħor. Xi drabi huma x-xejriet tal-kelma bħala oġġett semantiku, u drabi oħrajn huma l-ħsejjes tal-kelma li jipprovdu lil Zarb dawk l-ispunti, ta' ħsieb u ta' stil, li bihom jista' jterraq lejn l-idea tal-kitba bħala espressjoni ta' moħħ ħieles minn kull ordinament. — Oliver Friggieri.

"Zarb's poetic expression (an icon of contemporaneity) is a mental perception that goes beyond the reach of the common processes of reason." — Charles Briffa

One of the striking features of Zarb's output is the dominance of the dauntless personification of "poetry": poetry humiliates (WE ARE FRAGILE), poetry travels (AS LARGE AS GLOOM), poetry is austere (A STATE OF FREE FLOAT), poetry wears a lugubrious hat (ONE NIGHT A PERPETUAL FEELING), poetry inspires (AN INSIGNIFICANT PEDESTRIAN), poetry wants privacy (A WILDERNESS WE WALK ALONE), Ms Poetry walks on the catwalk of all time (AND THOU BESIDE ME), poetry orders the poet to write (IN THE ACHE OF THE HEART), poetry hides herself (I NEED POETRY TO NERVE ME). She even has a personal name that gives her an identity: Sandy (I NEED POETRY TO NERVE ME, SHE IS A FREE BIRD). With these (and other) personifications, poetry (often the silent listener) in Zarb gains a life of its own, and he enters into a relationship with her. — Charles Briffa

"Una volta scritte, il poeta stesso diventa lettore di queste sue poelinee." — Patrick Sammut

C'è la vita nelle parole di Zarb, un flusso che batte in continuazione, una voce interiore e silenziosa che sfida, spinge il lettore a coinvolgersi, buttarsi in questa corrente forte e viva. Il poeta perciò è inteso come artigiano della parola, istigatore al pensiero vero, vivo, puro, genuino, alla dialettica, alla reazione. -- Patrick Sammut

Aħna, m'aħniex aħna, imma, aħna l-konverżazzjonijiet jgħajtu ġo fina. Dawn il-poeżiji huma konverżazzjonijiet ta' dan it-tip. Huma indirizzi, daqskemm tpinġijiet imaġistiċi, li wieħed jara fihom dinja ġdida. — Tarċisju Zarb

Hu x'inhu, dawn il-linji tiegħi, jiena nħoss li biddlu saħansitra lili, u waqt li nkun qiegħed naqrahom nerġa' nara jitwieldu minn ġo fihom emozzjonijiet ġodda, li jiena ma nkun għexthom qatt, jew inkun għexthom b'modi u dożi differenti. — Tarċisju Zarb

Tarċisju: jaħseb, jixtarr, jimmedita u jikteb il-vrus – qosra jew twal... li jafu joħorġu kemm mix-xemx u kemm miċ-ċpar. — Josianne X. Azzopardi

"[...] postmoderniżmu letterarju li f'Malta ftit li xejn għad hawn min daħal biex jesplorah u jinterpretah." — Mario Azzopardi

What is constant in his flow of words (repeatedly interrupted by a full stop... acknowledging stillness... pregnant silence which lets the mind rest and connect with one or more of the senses) each and every word not merely describes the 'ġmiel' and the 'colourfulness' but it shines by itself, every word carries a significance, an attitude, a feeling that can be very vast... alienating the mind, the body and the spirit reaching up to what is 'presence', eminent transcendence... — Carmen Moran

"Jekk ngħarblu xi poeżiji ta' Zarb ma nipperċepixxux sew jekk hux il-poeta qed jikteb il-poeżija jew il-poeżija qed tikteb lilu."— Andrew Sciberras

Id-djalogu ta' Tarċisju Zarb mal-poeżija forsi jista' jiġi ppersonifikat ma' xi mara jew xi kunċett metafiżiku, forsi hu biss is-super-ego qed jitkellem ma' xi ħaġa fitizzja li ħoloqha hu stess biex jagħti tifsira lid-dinja ġewwinija, jew is-simbolu ta' personalità doppja. Min jaf? — Andrew Sciberras

Tarċisju Zarb jagħtina stil ta' poeżija differenti. Huwa jemmen f'ħelsien assolut tal-ħsieb u tal-espressjoni. Għalhekk it-tifsila tal-poeżija tiegħu hija waħda moderna u ġdida għalkollox fil-letteratura tagħna. — Alfred Massa

SIBTU JITLAJJA HAWN (lil Tarċisju b'apoloġija għal din it-"tiegħek f'tiegħek") Sibtu jitlajja hawn. L-iskular intellettwali. Tad-dixxerniment addizzjonali. Jivversja l-għana nobbli. F'din il-paġna kumulanti t'għerf virtwali. Iġġemma' ġmiel fi ġmiel: eloġju sieket, kandexxent. — Therese Pace

A short biography about Tarċisju Zarb follows; then his own poems, which introduce another innovation in this collection: an English title to a Maltese poem. The effect is at once effective, and there is a perfect harmony between the two languages, the content enhancing the title and vice versa.— Alfred Palma

# STEJJER VERI LI QATT MA ĠRAW — *Charles Casha*

Klabb Kotba Maltin : 2016 Novelli pp. 224 ISBN ISBN 978-99932-7-588-6
Qoxra tal-Ktieb: Undiscovered Land A3 ta' Vineta Cook (www.vinetacook.com)




Tletin novella li jvarjaw fit-temi u fl-istili tal-kitba. Dawn l-istejjer, frott tal-immaġinazzjoni tal-awtur jistgħu xi darba jkunu stejjer veri għax wara kollox huma mera tar-realtà tal-ħajja u kif ngħidu kultant Truth is stranger than fiction.

Bħal ma għamel f'kitbiet oħrajn, kemm rumanzi kif ukoll novelli, l-awtur juri simpatija mal-mara prostituta u donnu jixtieq juri n-naħa t-tajba tagħha. Fost in-novelli li fihom tidħol b'xi mod il-mara prostituta, hemm Wara l-Kunċert li tiddeskrivi relazzjoni stramba bejn żagħżugħ u mara tat-triq. Daqshekk ieħor tinħass stramba r-relazzjoni bejn il-mara ta' raġel li miet u l-mara li magħha kien qed jaqlibhielha, meta dawn jiltaqgħu ħdejn il-qabar tal-mejjet (Żewġ Nisa).

F'xi novelli hemm l-istil użat fit-triloġija tiegħu li tittratta dwar il-ħajja u l-karattri tat-triq fejn trabba u qatta' parti minn żgħożitu. Fost dawn ta' min isemmi Safra Twila, Kitarri u Mandolina, Ix-Xiħ tal-Isqaq u Ried Flusu.

Interessanti li waħda min-novelli, tkompli mar-rumanz tiegħu Fid-Dar tal-Kantuniera li ħareġ is-sena l-oħra. Luċija terġa' lura Malta bla mistennija bix-xewqa li tiltaqa' ma bintha Eliza u t-tifla tagħha Dorina.

Id-Dinja Ġdida li skopra Wistin lejla waħda hija dinja li kien ilu jixtieq u joħlom biha fil-ħajja magħluqa li kien jgħix fiha mnebbħa mill-ħars bis-serqa li kien jagħti lill-armla Liża kull meta kienet toħroġ tiknes quddiem il-bieb tad-dar jew tnaddaf il-ħġieġ tat-twieqi.

It-tema universali tal-imħabba hija wkoll is-suġġett f'xi wħud min-novelli li nsibu f'dan il-ktieb – x'aktarx l-imħabba li falliet u ħalliet il-ġerħiet tagħha. Fost dawn hemm Il-Fjura - b'rakkont li juri li l-ewwel imħabba taf ikollha għeruq fondi u b'saħħtihom bħas-siġar qodma li hemm fil-misraħ tar-raħal.

Kultant il-bniedem jidfen fl-imgħoddi tiegħu xi ħaġa li aħjar ma jiftakarx. Din it-tema l-awtur jittrattaha fl-istorja Fil-Mera.

Ix-xewqa li wieħed jerġa' lura wara mewtu mqar għal ftit sigħat tista' tkun ix-xewqa ta' ħafna. In-novella Ftit Sigħat tittratta din it-tema minn għajnejn awtur.

L-awtur jikteb ukoll dwar tfajla li trabbiet f'istitut u kellha xewqa kbira li ssir taf min kienet il-familja tagħha. Ritratt li rat għand ħabib tagħha b'kumbinazzjoni nissel fiha ħafna tama. Il-kelma forsi fil-ħajja taf twieġeb ħafna mistoqsijiet u tnissel ukoll xi ftit tat-tama fil-bniedem għatxan li jsib il-verità.

L-attakk terroristiku li sar f'Pariġi nhar il-Ġimgħa 13 ta' Novembru, 2015, kien ta' ispirazzjoni għan-novella Babette.

Il-kamra tal-bejt iġġib ħafna tifkiriet koroh għal Karl – tifkiriet ta' vjolenza u mibegħda kbira għal missieru.

Stejjer Veri li Qatt ma Ġraw, is-seba' ktieb ta' novelli ta' Charles Casha (wara Għad-Dawl tal-Lampa, Burraxki, Rakkonti Griżi, Minn Tarf sa Tarf tat-Triq, Minn Fuq l-Għatba u Mill-Gallarija ) huwa aktar varjat u għandu jinżel tajjeb mal-qarrej-ja.

## *Tikteb Therese Pace minn Malta . . .*




Għażiż Paul, Qed nibgħatlek avviż u qoxra dwar pubblikazzjoni li l-Kunsill Lokali ta' Birkirkara għadu kemm ħareġ, u dan għall-attenzjoni ta' kulħadd, b'mod speċjali ta' ħutna l-Karkariżi li jgħixu barra minn xtutna.

Din il-pubblikazzjoni tħaddan proża u poeżija li l-grupp Muża Karkariża (li hu magħmul minn kittieba Karkariżi jew li joqogħdu Birkirkara u li jiena membru tiegħu) jaqraw f'lejliet apposta li jittellgħu f'Birkirkara bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali bl-iskop li titkattar il-kultura u l-imħabba lejn il-letteratura Maltija. Dan il-qari joffri wkoll sors ta' informazzjoni dwar Birkirkara u dak kollu li jmiss magħha, jiġifieri drawwiet tal-passat u l-preżent, statistika, imkejjen ta' importanza kif ukoll nies li għamlu ġieħ lil dan ir-raħal. Pubblikazzjoni b'kitba kreattiva u xi kultant umoristika wkoll.

Saħħiet u grazzi tal-impenn tiegħek biex iżżomm din il-ħolqa tant siewja bejnna u bejnkom ħajja, — ***Therese Pace.***

## *jikteb Reno Saliba minn Malta....*

*Dawn il-versi ktibthom fuq kartolina lil wieħed xwejjaħ, intelliġenti u mimli entużjażmu, li ser jagħlaq 90 sena. Dan għandu tifla traduttriċi fil-Lussemburgu u meta konna niltaqgħu, dejjem kien iġibli fajl bil-poeżiji li kiteb hu stess ta' din l-eta' u kien l-hena tiegħu jaqrahomli.....xi ħlew ta' nies, f'dan id-deżert li qed ngħixu fih. Għaldaqstant xtaqt naqsam dan li ktibtlu f'għeluq id-90 sena. Għandi nistiednu wkoll...tgħidx kemm iħobbni...*

**Lil Henry, f'għeluq id-90 sena**

Ħarist.....u tul medda ta' żmien,
qalb kull tikmixa fuq ġbinek,
rajt versi mħażża, b'ritmu ħlejju ta' poeżija.
Għarrixt u lmaħt bniedem mimli enerġija,
minkejja l-annati,
minkejja l-imwieġ goffi kollha ragħwa,
xirfet ħmuret ix-xemx, li saħħnet mogħdijietek......
u mraħt f'dik mixjitek mimlija sfidi,
u fraħt b'dawk kisbietek frott il-fidi.
Tgħanniqa qawwija mħeġġa bl-imħabba,
ridt nagħlaq dal-versi, sa ma r-ruħ tixxabba'.

**Jekk toqgħod Melbourne u tixtieq issir membru tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria, ċempel lis-Segretarja, Rosemary Attard fuq 9338-3920. Nixtiequk tkun magħna.**

## IL-KANTILENA TA' PIETRU CAXARO — *Interpretazzjoni Rinaxximentali*

Mid-Daħla tal-ktieb: "Hemm l-importanza tagħha bħala xogħol letterarju bikri bil-Malti, imma wkoll, u wisq aktar, bħala dokument li jixħet dawl fuq dik li nixtieq insejħilha 'L-istorja tal-Maltin'.

Fl-isfond tan-nisġa ta' elementi Għarbin u elementi Sqallin tinkiseb definizzjoni sħiħa tal-Malti bħala djalett li kiber u sar lingwa. Iżda wisq iżjed minn hekk, illum nikkonkludi li hemm ukoll il-muftieħ għall-għarfien etniku tal-istess poplu li jitħaddet ilsien li hu taħlita: Semitiku-Latin.

Ir-rikkezza enormi tal-lingwa Maltija tiftiehem minnufih f'dan id-dawl: hi lingwa li stagħniet billi laqqgħet fiha stess żewġ kulturi kbar." — **Riċerka ta' Oliver Friggieri** *(Grazzi lil Joe Borg għal dan it-tagħrif)*

***Irċevejt dan mingħand Dr Michael Spagnol . . .***

## ESPERIMENT DWAR IL-MALTI

Grupp ta' riċerkaturi mil-Laboratorju tal-Psikolingwistika u l-Lingwistika Komputazzjonali tal-Università ta' Arizona qed ifittxu nies li jieħdu sehem fi studju dwar l-Ilsien Malti. L-għan tagħhom hu li jiġbru tagħrif minn kelliema nattivi tal-Malti biex ikunu jistgħu jispjegaw kif il-kelliema jagħrfu kelma meta jisimgħuha. L-esperiment faċli ħafna: kemm tisma' lista ta' kliem u tagħfas buttuna skont jekk il-kelma tkunx Maltija jew le.

Jekk trid tieħu sehem, idħol fis-sit http://ussishkin.org/experiments/ u niżżel il-programm billi tagħfas "Esperiment Malti" u "run". Għandha mnejn titlagħlek twissija biex ma tkomplix. F'dak il-każ agħfas "more info" u agħżel "run anyway". Biex tagħmel l-esperiment importanti li tilbes par headphones u li tagħmlu xi mkien għall-kwiet fejn ma jtellfek ħadd. L-esperiment jieħu xi 20 minuta. Jekk tixtieq iktar tagħrif dwar l-esperiment, tista' tikteb lil Samantha Wray fuq swray@email.arizona.edu

Napprezzaw jekk tgħaddi dan l-avviż lil aktar kelliema nattivi tal-Malti. Grazzi ħafna tas-sehem tiegħek f'dan l-esperiment.

## Council: Amendments to law will take Maltese back 40 years

*by L-Akkademja tal-Malti*




Maltese Language council accuses Education minister of refusing to consult with those most knowledgeable about Maltese language

Maltese Language Council says proposed changes will erase 40 years of progressThe Maltese Language Council is calling on the government and the opposition, not to go ahead with the proposed changes to the Maltese Language Act.

In a press conference held this evening, representatives from what were described as the six largest Maltese language institutions, said that they were very concerned that the proposed changes would allow certain decisions regarding the Maltese language to be taken by individuals who are not qualified. The council said that they have been left with no choice but to take the matter to the Prime Minister.

Present at the press conference were representatives from the Maltese Language Academy, Maltese Department at the University of Malta, Maltese Department at the Junior college, Linguistics Institute at the University of Malta, Maltese Language Society at the University of Malta, and the Association for Maltese proof-readers.

The president of the Academy for Maltese, Olvin Vella said that over the past ten years, the Maltese Language council had succeeded in bringing together the different organisations working within the field of the Maltese language, and to reach consensus on a number of issues, as well as to work constructively together for the benefit of the language.

Vella lamented the proposed changes to the council, arguing that these changes would weaken the Maltese language by allowing everyone to have his say, irrespective of their qualifications.

"We are against changes to the constitution of the Maltese language council that will result in a weakening of the council. We want the council to remain made up of a majority of people who are qualified, while also remaining representative," said Vella.

Vella said that the proposed amendments were being made to appease "some people" who despite having no qualifications, have very strange ideas about what Maltese should be like.

"We are worried that in the near future, the dream of certain ambitious individuals who want to spread their fantasies at the expense of common sense, will become a reality. Unfortunately, these people have been given preference over the council by the ministry," said Vella.




The Head of the Maltese Language Department at the University of Malta, echoing Vella, said that the proposed changes would weaken the council.

Micallef accused those of proposing the changes of not being able to speak the language themselves, adding that the proposed changes would cause the Maltese language to go back to the state of chaos it was in 40 years ago.

"Even the press release that was issued to announce the proposed changes was full of mistakes. We are predicting, with certainty, that this will be the consequence of these changes. If someone were to come to me with a document like this, I would have said that the personal clearly does not know anything about Maltese," said Micallef.